**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2150/98 AJM

Kawza numru 15

David Cassar u kif ukoll Vincenza Cassar ghal kull interess li jista' jkollha

Vs

Raymond Gauci u martu Carmen ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fid-9 ta' Dicembru 1996 fi Triq Burmarrad, Burmarrad l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku meta hu kien qieghed isuq il-vettura V-8361 (Subaru) u l-konvenut kien qed isuq il-vettura OOO-911 (Porsche); illi dan l-incident okkorra bi htija eskluziva tal-konvenut Raymond Gauci u dana peress li kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsin tar-regolamenti tat-traffiku; illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur

sofra, qieghed jsofri u ser ikompli jsofri d-danni konsistenti mhux biss fi hsarat ikkawzati lill-vettura tieghu izda ukoll telf ta' qliegh stante li sofra debilita' permanenti f'persuntu; illi jehtiegu li jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur; talab li l-konvenut:-

1. jigi dikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku sudett;
2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-14 ta' April 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-ewwel talba tal-atturi ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort ta' l-eccipjent Raymond Gauci izda gara unikament htija tal-attur David Cassar.
2. Ghalhekk it-tieni talba tal-atturi ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur taghhom.
3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti ma ghandhomx ikunu kundannati li jhallsu danni lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-4 ta' Mejju 1999 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u accediet fuq il-post tal-incident ghall-ahjar intendiment tal-kaz.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar 2001 meta gie mahtur il-kirurgu Carmel Sciberras bhala espert mediku sabiex jezamina lill-attur u jiddetermina, jekk jkun il-kaz, id-dizabilita tieghu.

Ittrattat il-kawza.

Ikkusnidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fit-8 ta' Dicembru 1996 ghal habta tad-9.00 a.m. fi Triq Ghajn Rihana, limiti ta' Burmarrad. L-attur kien qed jsuq il-karozza Subaru numru V-8361 gej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar fid-direzzjoni tal-Mosta, filwaqt li l-konvenut, li dak il-hin kien qed isuq karozza tal-marka Porshe numru 000-911, kien niezel mid-direzzjoni ta' Targa Gap sejjer lejn Burmarrad. Fil-vicinanzi ta' Scerri's Garden Centre, li jinsab fuq in-naha tal-lemin tat-triq int u sejjer lejn il-Mosta, l-attur iddecida li jerga jdur lejn San Pawl l-Bahar billi, skond hu, kellu bzonn jerga jmur id-dar. Biex ghamel hekk l-ewwel accerta ruhu li ma kienx gej traffiku miz-zewg nahat u ghalhekk qasam id-"double white line" u dahal fil-karreggata opposta, cioe minn fejn kien gej il-konvenut u sehh l-incident billi l-vettura ta' l-attur giet milqugha minn wara fuq in-naha tax-xellug bil-parti ta' quddiem lemin, tal-konvenut.

Bhala rizultata tal-incident il-vertturi garbu hsarat konsiderevoli tant u hekk li dik ta' l-attur giet dikjarata "beyond economical repair". Bl-impatt l-attur ukoll sofra griehi u qed jbati minn dizabilita' permanenti kif jidher minn rapport mediku ex parte u rapport ta' espert tal-Qort.

Fl-okkorrenza preparata minn Ex Surgent Anthony Camilleri u minnu presentata fl-atti ta' din il-kawza, jirrizulta li Ray Gauci (il-konvenut) qallu li "*kar V-8361 li kienet gejja minn oppost ghamlet U Turn u giet quddiem il-karozza tieghu, Gauci applika l-brake, pero il-karozza tkaxkret ghal-tul ta' xi 48 metru. Gauci kompla jghid li pprova jiskapula pero' ma irnexxilux. Meta gie mitkellem David Cassar (l-attur) stqarr li ghamel U Turn wara li ma ra lill-hadd gej.*"

Li skizz tal-incident, li gie ukoll preparat mill-Ex Surgent Camilleri u ezibit mac-citazzjoni, jirrizulta li l-incident gara f'parti dritta ta' Triq Ghajn Rihana fil-karreggata sejra lejn San Pawl il-Bahar cioe fejn kien jsuq il-konvenut. It-triq in kwistjoni hija maqsuma f'zewg karreggati wisghin sejrin f'direzzjonijiet opposti u separati b'linji bojghod kontinwi. Qabel l-impatt il-karozza tal-konvenut halliet hamsa u erbghin metru brake mark fuq iz-zewg roti filwaqt li reget imxiet ghaxar metri ohra wara l-impatt dejjem fuq il-brake. Bejn fejn spiccat il-vettura tal-konvenut u dik ta' l-attur kien hemm distanza ta' 40 metru. Il-hsarat fuq il-vetturi huma kif deskritti hawn fuq.

F'li sketch preparat mill-attur (fol 68) li ma giex kontestat mill-konvenut, jirrizultaw d-distanzi li hemm fit-triq lura minn fejn kien gej l-konvenut sal kurva fejn tibda t-tela lejn Targa Gap. Skond dan li skizz jirrizulta li bejn fejn tispicca l-kurva u li "Stage" tal-karozzi tal-linja fuq in-naha

tat-triq tal-konvenut, kien hemm 62 metru fid-dritt. Bejn dan li “Stage” u fejn jibdew il-brake marks tal-konvenut, hemm 54 metru iehor. B’kollox ghalhekk bejn fejn tispicca l-kurva sa meta l-konvenut beda japplika l-brakes kien hemm 116 il-metru distanza dejjem fid-dritt. Dawn id-distanzi ma gewx imkejla waqt l-access izda minn daqqa ta’ ghajn kien jidher li bejn fejn habtu l-karozzi u l-kurva lejn Targa Gap kien hemm distanza konsiderevoli.

Dan stabbilit jidher li ma hemmx qbil dwar ir-responsabbilita’ ghall-akkadut billi l-attur qed isostni li ghalkemm huwa ghamel “U” Turn go triq principali kif ukoll qabez linji bojghod kontinwi, din il-manuvra ghamila wara li kien accerta ruhu li ma kienx hemm traffiku gej minn ebda direzzjoni, kif ukoll billi huwa kien ilu li dahal fuq is-side tieghu u mixi fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar meta gie milqut. Inoltre l-attur isostni li minhabba speed qawwi l-konvenut ma setghax jiehu azzjoni evaziva. Il-konvenut, ghal kuntrarju jghid li l-incident gara tort ta’ l-attur billi dan qabad u qasamlu minghajr preavviz u meta huwa kien wasal qrib tieghu b’mod li ma kellux possibilita’ li jevita l-incident. Il-konvenut xhed li huwa kien mixi bi speed ta’ 40 m.f.s.

Ikkunsidrat:-

Qabel xejn il-Qorti sejra tistabilixxi certa fatti li ghandhom rilevanza fuq dak li sejjer jinghad aktar l-isfel:-

a. It-triq in kwistjoni hija wahda li tinsab “outside a built-up area” u bhala tali tippermetti speed massimu ta’ 80 k.f.s. ghall-vetturi bhal dik misjuqa mill-kontendenti. (Para 105 tal-Highway Code)

b. Il-karreggata kienet, fi zmien tal-incident, maqsuma f'zewg lanes distinti separati b'zewg linji bojghod kontinwi. Kien ghalhekk obbligu tas-sewwieqa li ma jaqsmux dawn il-linji. (Para 59 tal-Highway Code).

c. Il-vizwali fit-triq fid-direzzjoni ta' Targa Gap kienet tajba ghall-distanza konsiderevoli.

Huwa ammess li l-attur qasam id-double white lines biex dahal fil-karregata tal-konvenut. Din il-manuvra, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet irresponsabbli mhux biss minhabba il-fatt li l-attur naqas li jobdi regola stabbilita fil-Highway Code, izda ukoll billi t-triq in kwistjoni hija notorjament uzata minn vetturi mixjin bi speed pjuttost elevat billi l-konfigurazzjoni tat-triq tippermetti. Infatti l-incidenti li generalement jissuccedu f'din it-triq ma jigrux daqstant minhabba speed izda pjuttost minhabba li vetturi ma jzommux il-"proper side" taghhom bhal meta jsir sorpass. Issa fil-kaz in ezami l-attur ma ghamilx semplici sorpass izda sahansitra ghamel U Turn, liema manuvra mhux indikata fl-ebda cirkostanza u anqas u anqas meta il-karreggata tkun maqsuma b'linji kontinwi.

Jirrizulta li l-habta grat fil-karregata tal-konvenut. Ghalhekk tenut kont ta' dak li inghad aktar il-fuq l-attur jrid jipprova b'mod l-aktar sodisfacjenti, li l-akkadut sehh minhabba nuqqasijiet tal-konvenut.

Il-konvenut jidher li kien mixi fuq in-naha tieghu tat-triq. Hu jghid li kien jsuq bi speed ta' 40 m.f.s. cirka 60 k.f.s. Mill-fattispecji tal-kaz, u partikolarment il-brakeing distance tal-vettura tal-konvenut u l-hsarat kagunati fil-vetturi, jidher li l-Porsche ftit qabel l-incident kienet qed tinsaq bi speed in eccess ghal dak dikjarat. Fil-hin tal-incident it-triq

kienet xotta u ma jirrizultax li kien hemm xi raguni ohra li setghet ziedet il-"brakeing distance" ta' din il-vettura. Issa mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta qabel l-impatt il-vettura tal-konvenut halliet 45 metri brake marks. Ma l-impatt, li certament kellu "stopping effect" fuq il-vettura in kwistjoni, il-vettura tal-konvenut baqghet mixja 10 metri ohra fuq il-barkes. B'kollox ghalhekk, jekk wiehed alloka certa "brakeing distance" ghall-impatt, jigi li l-konvenut kien mixi bi speed ta' cirka 95 k.f.s. Isegwi li l-konvenut kien certament in eccess ta' li speed limit ghall-lokalita, ghalkemm mhux xi speed allarmanti specjalment ghall-vettura li kellu taht il-kontroll tieghu.

Li speed fuq imsemmi jinneccessita mhux biss brake ta' madwar 65 metri izda ukoll jehtieg li l-vettura tivvjagga ghall certa distanza qabel ma is-sewwieq jirreaggixxi ghall-emergenza li tinholoq quddiemu. Minn kalkoli li nsiebu fil-Highway Code jidher li din id-distanza, maghrufa bhala "thinking distance" tkun ta' xi 20 metru. Dan ifisser li l-konvenut induna bl-emergenza li qed tinholoq quddiemu cirka 67 metru qabel l-impatt – cioe l-20 metru "thinking distance" u 45 metru sal "point of impact". F'dak il-mument il-konvenut jghid li ra lill-attur jaghmel U Turn, jaqsam minn karregata ghall-ohra u jigi quddiemu b'mod li ostakolalu l-passagg. Kien ghalhekk li l-konvenut beda japplika l-brakes.

Jekk wiehed jaqta l-20 metru "thinking distance" mid-distanza kollha li kien hemm bejn fejn bdew il-brakes u l-kurva, distanza, skond l-attur ta' cirka 116 metri, jibqa distanza ta' 96 metri li l-konvenut ivvjagga fid-dritt u meta huwa seta' jara lill-attur gej u l-istess attur seta' intebah bih. Din id-distanza tispjega x-xhieda tal-konvenut u ibnu li it-tnejn sostnew li raw lill-attur gej fid-dritt u f'daqqa wahda jaghmel U Turn.

Ghal din id-distanza ta' cirka 96 metri l-attur kellu l-possibilita' li jara lill-konvenut gej. Kien ghalhekk jinkombi fuqu li ma jaqsamx it-triq, mhux biss minhabba d-double white lines, izda ukoll billi, kuntrarjament ghal dak li xhed, meta huwa iddecida li jaqsam it-triq il-vettura tal-konvenut kienet facilment vizibbli.

L-attur izda qed jghid li huwa qasam it-triq aktar l-isfel cioe ximkien hdejn il-Bus Stop u li kien mixi fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar meta gie milqut minn wara. Din il-verzjoni tal-fatti mhux accettabbli principalment ghall-zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok jirrizulta li d-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur kienet fuq ix-xellug ta' wara, b'imbuttatura lejn il-lemin, filwaqt li d-daqqa fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq il-lemin quddiem. Dan jindika li l-vettura tal-attur, fil-mument tal-impatt, kienet "at an angle" mat-triq u mhux direttament quddiem il-konvenut u parallela mal-hajt tat-triq. Altriment skond kif qed isostni l-attur id-daqqa kienet tkun fuq wara b'mod li l-ghafsa tkun lejn il-quddiem mhux mix-xellug lejn il-lemin. Fit-tieni lok mhux verosimili li sewwieq japplika l-brakes "bruskament" kif ghamel il-konvenut semplicement ghax jkun hemm karozza mixja quddiemu mal-gemb tat-triq (kif jghid l-attur). Huwa normali li wiehed jirreagixxi kif ghamel il-konvenut ghal emergenza li tinholoq istantaneament. Wara kollox jekk verament l-attur kien mixi kif qal, l-konvenut seta facilment jissorpassa minghajr ma jaqbez il-linja medjana billi l-karregata hija wahda wiesgha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident gara unikament tort tal-attur li qabad u qasam minn karreggata ghall-ohra minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji biex jaccerta ruhu li ma kienx gej traffiku u specjalment meta l-istess manuvra kienet wahda

projbita mir-regolamenti. Fic-cirkostanzi tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri